DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/418

tal-10 ta' Marzu 2022

dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fir-reġjuni Awstrijaċi taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet tat-trasport reġjonali Verkehrsverbund Ost-Region (VOR) u Oberösterreich Verkehrsverbund (OÖVV)

(notifikata bid-dokument C(2022) 1352)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv dwar l-akkwist pubbliku,

Billi:

1. FATTI

1.1. It-talba

(1) Fit-2 ta' Ottubru 2020, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Awstrija ppreżentat lill-Kummissjoni, f'isem Österreichische Postbus AG ("Postbus" jew "l-applikant"), talba skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ("it-talba"). It-talba tikkonforma mar-rekwiżiti formali stabbiliti fl-Artikolu 1(1) u fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 [2].

(2) L-applikant jappartjeni għall-grupp ÖBB (il-Ferroviji Federali Awstrijaċi). 100 % tal-ishma fl-applikant huma miżmuma minn ÖBB-Personenverkehr AG, li minnha nnifisha hija 100 % sussidjarja ta' ÖBB-Holding AG. L-ishma kollha f'ÖBB-Holding AG huma miżmuma mir-Repubblika tal-Awstrija. L-applikant huwa attiv fis-settur tat-trasport tal-passiġġieri bil-karozza tal-linja.

(3) L-applikant huwa entità kontraenti f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/25/UE u jwettaq attività relatata mal-operat ta' networks li jipprovdu servizz lill-pubbliku fil-qasam tat-trasport bil-karozza tal-linja, skont it-tifsira tal-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva.

(4) Is-servizzi skedati tal-karozzi tal-linja huma servizzi tat-trasport tal-passiġġieri perjodiċi u aċċessibbli għall-pubbliku, ipprovduti mill-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri bi ħlas f'rotot speċifiċi tat-trasport, li jippermettu lill-passiġġieri jitilgħu fil-karozza tal-linja u jinżlu minnha fi stazzjonijiet determinati minn qabel. Jekk l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu kumpens finanzjarju lil impriża għat-twettiq ta' dawn is-servizzi, dawn jissejħu servizzi tat-trasport mhux kummerċjali.

[1] ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 34 u 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 39).

(5) Is-servizzi mhux kummerċjali tal-karozzi tal-linja jagħtu lok għall-għoti ta' żewġ tipi differenti ta' kuntratti. L-ewwel tip huwa l-għoti ta' kuntratti għal servizz pubbliku mill-awtoritajiet tat-trasport kompetenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li huwa applikabbli għas-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq. It-tieni tip huwa l-għoti ta' kuntratti mill-operatur maħtur biex jeżegwixxi tali kuntratt għal servizz pubbliku, bħal kuntratti ma' kumpanija tat-tindif għat-tindif tal-karozzi tal-linja jew lil kumpanija li tipprovdi karozzi tal-linja għall-użu mill-operatur.

(6) It-talba tkopri biss it-tieni tip ta' kuntratti, jiġifieri l-għoti ta' kuntratti maħsuba sabiex jippermettu t-twettiq ta' servizzi tat-trasport skedati mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fl-Awstrija, attività relatata mal-operat tan-networks f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/25/UE. It-talba ma tkoprix l-għoti ta' kuntratti għall-insegwiment ta' servizzi mhux kummerċjali bil-karozza tal-linja li jingħataw direttament lill-operaturi interni. Lanqas ma tkopri l-għoti minn awtorità tat-trasport reġjonali (Verkehrsverbund) ta' kuntratt biex jiġu operati servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja lil operatur tal-karozzi tal-linja, peress li tali għotjiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

(7) Inizjalment, it-talba ma kinitx akkumpanjata minn pożizzjoni motivata tal-Bundeswettbewerbsbehörde (l-Awtorità Nazzjonali tal-Kompetizzjoni Awstrijaka, "NCA"). F'konformità mal-punt 1(b) tal-Anness IV għad-Direttiva 2014/25/UE, peress li l-aċċess liberu għas-suq ma jistax jiġi preżunt abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(3) ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni trid tadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar it-talba fi żmien 130 jum ta' xogħol. L-iskadenza inizjali ġiet sospiża f'konformità mal-punt 2 tal-Anness IV għad-Direttiva 2014/25/UE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni sat-28 ta' Frar 2022.

(8) Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni lill-awtoritajiet Awstrijaċi fil-11 ta' Novembru 2020. L-awtoritajiet Awstrijaċi ssottomettew informazzjoni fit-2 ta' Diċembru 2020, fit-23 ta' Frar 2021 u fit-23 ta' Marzu 2021. Is-sottomissjoni tat-23 ta' Marzu 2021 inkludiet pożizzjoni tal-NCA, li tanalizza jekk l-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE japplikax għall-attivitajiet ikkonċernati, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu.

(9) Fid-19 ta' Ottubru 2021, l-applikant naqqas l-ambitu ġeografiku tat-talba għal eżenzjoni għal żewġ partijiet tat-territorju Awstrijak, Vjenna, l-Awstrija t'Isfel u Burgenland (taħt il-kompetenza tal-awtorità tat-trasport reġjonali Verkehrsverbund Ost-Region (VOR)) u l-Awstrija ta' Fuq (taħt il-kompetenza tal-awtorità tat-trasport reġjonali Oberösterreich Verkehrsverbund (OÖVV)). L-applikant ipprovda informazzjoni addizzjonali fil-21 ta' Ottubru u fit-8 ta' Novembru 2021.

2. **QAFAS LEGALI**

(10) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-forniment jew mal-operat ta' networks li jipprovdu servizz lill-pubbliku fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, b'sistemi awtomatizzati, bit-tramway, bit-trolley bus, bil-karozza tal-linja jew bil-kejbil, sakemm l-attività ma tkunx eżentata skont l-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva.

(11) Skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, il-kuntratti maħsuba sabiex jippermettu t-twettiq ta' attività li għaliha tapplika d-Direttiva ma humiex soġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru li titwettaq fih, l-attività tkun esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess ma huwiex ristrett.

(12) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tas-settur ikkonċernat. ([4]) Madankollu, din il-valutazzjoni hija limitata mill-iskadenzi qosra applikabbli u mill-ħtieġa li wieħed jibbaża fuq l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni. Dik l-informazzjoni toriġina jew minn sorsi diġà disponibbli jew mill-informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-applikazzjoni skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE u ma tistax tiġi ssupplimentata minn metodi li jieħdu aktar ħin, inkluż, b'mod partikolari, investigazzjonijiet pubbliċi indirizzati lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati ([5]).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 u (KEE) Nru 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

([4]) Id-Direttiva 2014/25/UE, il-premessa 44.

([5]) *Ibid*.

(13) Jenħtieġ li l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni jiġi evalwat abbażi ta' diversi indikaturi, li l-ebda wieħed minnhom ma jkun neċessarjament deċiżiv għalih waħdu. Fir-rigward tas-suq ikkonċernat minn din id-Deċiżjoni, l-ishma tas-suq jikkostitwixxu kriterju wieħed, li jenħtieġ li jitqies, flimkien ma' kriterji oħrajn, bħall-eżistenza tal-ostakli għad-dħul jew il-kompetizzjoni intermodali.

3. **VALUTAZZJONI**

(14) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk is-servizzi kkonċernati mit-talba humiex esposti għal livell ta' kompetizzjoni (fis-swieq li għalihom l-aċċess ma huwiex ristrett skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE) li jiżgura li, anke fin-nuqqas tad-dixxiplina miġjuba mir-regoli ddettaljati dwar l-akkwist stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għall-insegwiment tal-attivitajiet ikkonċernati jitwettaq b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi tal-kriterji li jippermettu lill-akkwirenti jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġuża.

(15) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni ġuridika u fattwali sa minn Novembru tal-2021 u fuq l-informazzjoni sottomessa mill-applikant, mill-awtoritajiet Awstrijaċi, inkluż mill-Ministeru Federali Awstrijak għall-Azzjoni Klimatika, l-Ambjent, l-Enerġija, il-Mobbiltà, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ("BMK"), mill-NCA u mill-awtoritajiet tat-trasport reġjonali, u l-informazzjoni disponibbli pubblikament.

3.1. **Aċċess mhux ristrett għas-suq**

(16) L-aċċess għas-suq jitqies bħala mhux ristrett jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni li tiftaħ settur partikolari jew parti minnu. Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 huwa applikabbli għas-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq. Skont l-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament, l-għoti ta' kuntratti għal servizz pubbliku għal servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-karozza tal-linja, fil-forma ta' kuntratti ta' konċessjonijiet ta' servizz, irid jingħata f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ([6]). Dawn ir-regoli, stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament, jinvolvu, *inter alia*, definizzjoni ċara tal-obbligi ta' servizz pubbliku li magħhom l-operatur ta' servizz pubbliku għandu jikkonforma, iż-żoni ġeografiċi kkonċernati, jew it-tul tal-kuntratt. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ma huwiex elenkat fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE. Konsegwentement, l-applikant irid juri li l-aċċess għas-suq għall-forniment ta' servizzi mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja huwa ħieles *de facto* u *de jure*.

(17) Kuntratti oħra għal servizz pubbliku għat-trasport pubbliku bil-karozza tal-linja, li ma jiħdux il-forma ta' konċessjonijiet ta' servizz, għandhom jingħataw f'konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku li jittrasponu (*inter alia*) id-Direttiva 2014/25/UE.

(18) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti hija l-Att dwar is-Servizzi Skedati tal-Karozzi tal-Linja (il-Bundesgesetz über die linienmäßige Beförderung von Personen mit Kraftfahrzeugen (Kraftfahrliniengesetz — KflG)) ([7]) u l-Att dwar it-Trasport Pubbliku Lokali u Reġjonali tal-Passiġġieri (il-Bundesgesetz über die Ordnung des öffentlichen Personennah- und Regionalverkehrs (Öffentlicher Personennah- und Regionalverkehrsgesetz 1999 — ÖPNRV-G 1999) ([8]).

(19) Il-KflG japplika għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri perjodiċi u aċċessibbli għall-pubbliku, li huma pprovduti mill-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri bi ħlas fi ħdan rotot speċifiċi tat-trasport, li jippermettu lill-passiġġieri jitilgħu u jinżlu l-karozza tal-linja fi stazzjonijiet determinati minn qabel. Il-konċessjonijiet skont il-KflG, li jaqgħu taħt il-mandat tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, jingħataw għal rotot speċifiċi. Jekk l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu kumpens finanzjarju għat-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, dawn is-servizzi tat-trasport ikunu servizzi tat-trasport mhux kummerċjali.

([6]) L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jgħid: "Kuntratti għal servizz pubbliku għandhom jingħataw skont ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Madankollu, kuntratti ta' servizzi jew kuntratti għal servizz pubbliku, kif definiti fid-Direttivi 2004/17/KE jew 2004/18/KE, għal servizzi ta' trasport ta' passiġġieri bix-xarabank jew bit-tram għandhom jingħataw skont il-proċeduri previsti f'dawk id-Direttivi fejn tali kuntratti ma jiħdux il-forma ta' kuntratti ta' konċessjonijiet ta' servizz kif definit f'dawk id-Direttivi."

([7]) Il-Gazzetta Federali Awstrijaka (BGBl.) I Nru 203/1999.

([8]) Il-Gazzetta Federali Awstrijaka (BGBl.) I Nru 204/1999.

(20) L-ÖPNRV-G jirregola l-aspetti organizzazzjonali u finanzjarji tal-operat tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri lokali u reġjonali (bil-ferrovija u bil-karozza tal-linja) kif ukoll l-istruttura u l-qasam ta' responsabbiltà tal-assoċjazzjonijiet tat-trasport.

(21) F'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess ħieles *de jure* għas-suq tas-servizzi mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja, kemm il-KflG kif ukoll l-ÖPNRV-G jistabbilixxu li l-awtorità kontraenti trid tagħżel il-kumpanija tat-trasport f'konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku li jittrasponu d-Direttiva 2014/25/UE u mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

(22) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 u l-leġiżlazzjoni Awstrijaka japplikaw għall-attivitajiet tal-applikant. Għalkemm ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 mhuwiex elenkat fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE, huwa jipprevedi qafas regolatorju li jrid jiżgura kompetizzjoni xierqa fuq bażi ta' każ b'każ. L-Artikolu 5(3), tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jordna l-għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku abbażi tal-proċedura ta' offerti kompetittiva, minbarra f'każijiet speċifiċi ħafna (valur annwali medju inqas minn EUR 1 000 000, forniment annwali ta' inqas minn 300 000 kilometru ta' servizzi tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri jew (riskju immedjat ta') interruzzjoni fis-servizzi). B'riżultat ta' dan, fil-każ preżenti, il-kompetizzjoni sseħħ meta jingħataw il-kuntratti għall-operat ta' linji ta' karozzi tal-linji billi tali kuntratti jingħataw wara offerti miftuħa fiż-żewġ reġjuni soġġetti għat-talba, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

(23) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq ħieles *de jure* huma ssodisfati.

(24) F'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess ħieles *de facto* għas-suq tas-servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja, il-Kummissjoni tinnota li l-atturi l-ġodda tas-suq daħlu fis-suq f'dawn l-aħħar snin. Pereżempju, tliet impriżi minn Stati Membri oħrajn minbarra l-Awstrija daħlu fis-suq b'suċċess fiż-żewġ reġjuni, soġġetti għat-talba, bejn l-2016 u l-2020.

(25) Skont l-applikant, iż-żewġ awtoritajiet kontraenti reġjonali użaw dejjem aktar sejħiet għall-offerti kompetittivi fl-għoti ta' servizzi tal-karozzi tal-linja kkuntrattati matul dawn l-aħħar snin, bħala riżultat tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 stabbilixxa li l-għoti ta' kuntratti għal servizz pubbliku għat-trasport bil-ferrovija u bit-triq għandu jikkonforma mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 5 tiegħu mit-3 ta' Diċembru 2019, u b'hekk jillimita strettament l-għotjiet diretti. Sa Ġunju tal-2021, is-sehem ta' offerti kompetittivi kien ta' 92 % għar-reġjun taħt il-kompetenza tal-VOR u ta' 100 % għar-reġjun taħt il-kompetenza tal-OÖVV.

(26) Fil-pożizzjonijiet tagħhom, il-BMK u l-NCA jirrikonoxxu l-fatt li l-aċċess għas-suq inkwistjoni huwa ħieles *de jure* u *de facto*.

(27) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-aċċess għas-swieq ta' servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fit-territorji rispettivi tar-reġjuni taħt il-kompetenza tal-VOR u l-OÖVV jenħtieġ li jitqies ħieles *de jure* u *de facto* skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE.

3.2. **Valutazzjoni kompetittiva**

3.2.1. *Definizzjoni tas-suq tal-prodott rilevanti*

3.2.2. *Definizzjoni tas-Suq tal-Prodott*

(28) Is-servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja fl-Awstrija jinkludu dan li ġej: is-servizzi tat-trasport skedati bil-karozzi tal-linja, li huma soġġetti għall-KfG, u s-servizzi tat-trasport mhux skedati bil-karozzi tal-linja regolati skont l-Att dwar is-Servizzi tat-Trasport Mhux Skedati bil-Karozzi tal-Linja — Gelegenheitsverkehrs-Gesetz (GelverkG).

(29) L-ÖPNRV-G kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) jagħmlu distinzjoni bejn servizzi tat-trasport kummerċjali u servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja. Skont it-Taqsima 3(2) tal-ÖPNRV-G, is-servizzi tat-trasport għandhom jitqiesu biss bħala servizzi tat-trasport kummerċjali jekk l-awtoritajiet pubbliċi ma jagħtu l-ebda kumpens. Kull meta l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu kumpens finanzjarju, is-servizzi tat-trasport jiġu kkwalifikati bħala mhux kummerċjali.

(30) Meta tixtri servizzi tat-trasport mhux kummerċjali jew tagħmel bidliet fi skeda operatorja eżistenti, l-awtorità kontraenti trid tagħżel il-kumpanija tat-trasport f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku u mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. B'mod ġenerali, is-servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja huma soġġetti għall-proċeduri obbligatorji ta' sejħiet għall-offerti. Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fis-7 ta' Diċembru 2019, fl-Awstrija ngħataw żidiet fin-numru ta' servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fi proċeduri kompetittivi ta' sejħiet għall-offerti. Il-prattika tal-fużjoni tal-Kummissjoni ([10]) tikkonferma l-fehma li s-servizzi tat-trasport kummerċjali bil-karozzi tal-linja u s-servizzi tat-trasport pubbliku mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja, jikkostitwixxu swieq ta' prodotti differenti minħabba d-differenza fin-natura tal-kompetizzjoni.

(31) Fir-rigward tas-suq għas-servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja, il-kompetizzjoni bejn l-operaturi tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja sseħħ fil-livell ta' offerti għal kuntratti, jiġifieri matul l-għoti ta' kuntratti għall-operar ta' servizzi pubbliċi tat-trasport bil-karozzi tal-linja, u mhux wara fis-suq fir-rigward ta' aspetti bħall-prezz, il-kapaċità, il-frekwenza jew karatteristiċi oħrajn tas-servizz. Meta mqabbla mas-servizzi tat-trasport kummerċjali, l-operaturi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja normalment ftit li xejn għandhom influwenza fuq id-dimensjonijiet bażiċi tal-kompetizzjoni bħall-frekwenzi, it-tariffi jew il-kumdità tal-passiġġieri, peress li dawk il-karatteristiċi huma stabbiliti mill-awtorità li tagħti l-kuntratt sabiex jiġi pprovdut is-servizz. L-operaturi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja huma obbligati jipprovdu s-servizzi tagħhom f'konformità mal-kuntratt konkluż mal-awtorità aġġudikanti u ma jistgħux jadattaw is-servizzi tagħhom għall-ħtiġijiet tal-passiġġieri, kif normalment jagħmlu l-operaturi kummerċjali.

(32) L-applikant argumenta li s-servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja pprovduti minn operaturi interni jistgħu jikkostitwixxu suq rilevanti separat fis-suq ta' servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja għar-raġunijiet li ġejjin:

— is-servizzi tat-trasport ipprovduti mill-operaturi interni ma humiex soġġetti għal proċeduri obbligatorji ta' sejħa għall-offerti, diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti (l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) jew l-Artikolu 28 jew l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2014/25/UE).

— diment li r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jiġu ssodisfati, is-sid jista' jikkumpensa l-kostijiet tal-operatur intern anke jekk dawn il-kostijiet ikunu ogħla mill-kostijiet imġarrba minn kumpaniji kompetituri.

— id-deċiżjoni ta' "produzzjoni jew xiri" tista' ma tkunx ibbażata biss fuq il-kostijiet tal-operatur intern meta mqabbla mar-riżultat mistenni ta' offerta kompetittiva. L-operaturi tat-trasport muniċipali spiss ikollhom impjegati bi protezzjoni speċjali kontra t-tkeċċija u jkollhom iġarrbu l-kostijiet tas-salarju tagħhom anke jekk jagħmlu offerta bla suċċess għall-kuntratt tat-trasport pubbliku.

— Sa issa ma kien hemm l-ebda offerta fl-Awstrija għal servizzi tat-trasport li qabel kienu operati minn operaturi interni. L-operaturi interni nfushom iwettqu wkoll offerti pubbliċi għas-sottokuntratti. F'każijiet bħal dawn, l-offerent rebbieħ isir is-sottokuntrattur tal-operatur intern. Pereżempju, l-operatur intern Wiener Linien GmbH & Co KG jagħti offerti lis-sottokuntratturi għal madwar 44 % tas-servizzi tat-trasport bil-karozza tal-linja tiegħu.

(33) Il-BMK ikkonferma ([12]) l-fehma tal-applikant dwar l-ambitu tas-suq tal-prodott rilevanti.

(34) Il-Kummissjoni taċċetta li l-operaturi interni jappartjenu għal suq separat.

([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

([10]) Il-Kawża COMP/M.5855 DB/Arriva tal-11 ta' Awwissu 2010, il-paragrafi 20 *et seq*., il-Kawża COMP/M.6818, Deutsche Bahn/Veolia tat-30 ta' April 2013, il-paragrafu 19, il-Kawża COMP/M.6818, Deutsche Bahn/Veolia tat-30 ta' April 2013, il-paragrafi 25 *et seq*.

([11]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li thassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([12]) It-tweġiba tal-BMK tat-2 ta' Diċembru 2020.

(35) Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont din id-Deċiżjoni u mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-suq tal-prodott rilevanti huwa s-suq għas-servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja għall-passiġġieri fejn isseħħ kompetizzjoni għas-suq.

3.2.3. *Definizzjoni tas-Suq Ġeografiku*

(36) L-applikant jiddikjara li l-qafas regolatorju rigward is-servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja, kif ukoll l-Att Federali tal-Awstrija dwar l-Akkwist Pubbliku, japplikaw b'mod konsistenti madwar l-Awstrija. Barra minn hekk, l-offerenti jridu jikkonformaw ma' regolamenti ulterjuri sabiex jissottomettu offerta, bħar-regolamenti dwar il-liġi tax-xogħol jew il-ftehimiet ta' negozjar kollettiv, huma applikabbli b'mod uniformi fl-Awstrija kollha (il-kostijiet tal-persunal jammontaw għal madwar 50 % tal-kostijiet ġenerali tas-servizzi tat-trasport skedati bil-karozzi tal-linja). Min-naħa l-oħra, l-applikant jindika differenzi sinifikanti bejn ir-reġjuni minħabba l-eżistenza ta' assoċjazzjonijiet tat-trasport reġjonali responsabbli għat-trasport bil-karozzi tal-linja.

(37) Il-BMK iddikjara li d-differenzi osservati fil-livell reġjonali ma kinux jeħtieġu mandat għad-definizzjoni tas-suq reġjonali.

(38) Fil-pożizzjoni tagħha, l-NCA tispjega li s-servizzi pubbliċi tat-trasport bil-karozzi tal-linja huma offruti minn seba' assoċjazzjonijiet reġjonali tat-trasport, li flimkien ikopru t-territorju kollu tal-Awstrija. L-operaturi interni joffru sottokuntratti, pereżempju fiż-żona metropolitana ta' Vjenna. Kull assoċjazzjoni tat-trasport toħroġ sejħiet għall-offerti biss għal servizzi fit-territorju tagħha. L-NCA tikkonkludi li s-sejħiet għall-offerti u l-ikkuntrattar mhux simultanji ta' servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja purament reġjonali jew lokali, u l-fatt li d-deċiżjonijiet dwar il-kuntratti jsiru minn seba' assoċjazzjonijiet tat-trasport reġjonali attivi, li kollha jsegwu l-interessi tagħhom stess, għandhom it-tendenza li jopponu suq nazzjonali uniformi.

(39) Fil-prattika tal-fużjoni tagħha, il-Kummissjoni ddefiniet is-suq ġeografiku rilevanti għas-servizzi tat-trasport bil-karozzi tal-linja bħala s-suq fejn japplika l-istess qafas regolatorju għall-awtoritajiet tat-trasport pubbliku kollha ([13]).

(40) Il-Kummissjoni tosserva li r-responsabbiltà għall-organizzazzjoni ta' servizzi mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja hija tal-awtoritajiet reġjonali kompetenti (Verkehrsverbünde). Dawk l-awtoritajiet huma responsabbli għat-tfassil tal-offerti, skont il-kundizzjonijiet tal-qafas stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli (il-KflG, il-GelverkG, l-ÖPNRV-G u l-att dwar l-akkwist pubbliku BVergG 2018).

(41) Fiż-żewġ reġjuni soġġetti għat-talba, l-awtorità tat-trasport reġjonali kompetenti rispettiva u l-operaturi interni joħorġu kuntratti grossi għall-offerti ([14]) u l-offerenti ewlenin huma l-istess.

(42) F'dan ir-rigward, għall-finijiet tal-valutazzjoni skont din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-swieq ġeografiċi rilevanti huma, minn naħa, ir-reġjun taħt il-kompetenza tal-VOR u, min-naħa l-oħra, ir-reġjun taħt il-kompetenza tal-OÖVV.

3.3. **Analiżi tas-suq**

(43) Fl-Awstrija, il-kuntratti eżistenti għal servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja ngħataw permezz ta' offerti kompetittivi jew permezz ta' għotja diretta. Il-maġġoranza l-kbira ta' tali kuntratti ngħataw wara proċedura ta' sejħa għall-offerti. Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 kien stabbilixxa perjodu ta' tranżizzjoni sa Diċembru tal-2019 għall-għoti ta' kuntratti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. L-applikant isostni li s-sehem mis-suq tiegħu li qiegħed jonqos fiż-żewġ reġjuni, kif ukoll il-perċentwal għoli ta' kuntratti li tefa' offerta għalihom, in-numru kbir ta' offerti u l-proporzjon għoli ta' tibdil tal-operatur fiż-żewġ reġjuni juru li dawk is-swieq huma direttament esposti għall-kompetizzjoni.

([13]) Il-Kawża COMP/M.5855 DB/Arriva tal-11 ta' Awwissu 2010, il-paragrafu 27.

([14]) Il-Kawża COMP/M.6818, Deutsche Bahn/Veolia, id-deċiżjoni tat-30 ta' April 2013, pt 14: "Għall-kuntratti grossi, l-operatur jitfa' offerti għall-kostijiet operatorji sħaħ, u d-dħul kollu jmur għand l-awtorità; b'kuntratti netti, l-operatur jinġabata d-dħul kollu u se jitfa' offerti biss għad-differenza meħtieġa bejn id-dħul min-noll u l-ammont meħtieġ sabiex isir il-profitt mixtieq."

(44) Skont il-BMK ([15]), fejn issir proċedura kompetittiva ta' sejħa għall-offerti, l-akkwist mill-operaturi li jipprovdu dawk is-servizzi li nħarġu għall-offerti (pereżempju l-operar ta' rotot tal-karozzi tal-linja jew servizzi ta' sottokuntrattar għas-servizz speċifiku tat-trasport mhux kummerċjali) jenħtieġ li jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE, minħabba li dawk l-operaturi huma bla dubju soġġetti għall-kompetizzjoni abbażi tal-proċedura speċifika ta' akkwist.

(45) Għall-kuntrarju, l-NCA targumenta li l-prevalenza ta' ċerti fatturi (id-durata twila tal-kuntratt, il-volumi żgħar offruti, ftit offerenti attivi) għandha t-tendenza li ma tħallix lok għal wisq kompetizzjoni sostenibbli. Għalhekk, hija tqis, għall-finijiet tal-mistoqsija msemmija, li l-piż tal-argument jindika kompetizzjoni insuffiċjenti.

(46) Fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni tqis bosta fatturi. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-opinjoni tal-BMK li l-offerti kompetittivi minnhom infushom huma biżżejjed sabiex juru esponiment dirett għall-kompetizzjoni. Filwaqt li l-offerti kompetittivi għas-servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja huma prerekwiżit għall-kompetizzjoni fis-suq, il-Kummissjoni tqis li għandhom jitqiesu fatturi oħrajn.

(47) L-ishma tas-suq huma aspett importanti, iżda, minħabba li s-suq tas-servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja huwa soġġett għal offerti jew għal għotjiet diretti, jenħtieġ li jitqiesu wkoll in-numru ta' offerenti u r-rata ta' suċċess ta' atturi differenti tas-suq.

3.3.1. *L-ishma tas-suq, in-numru ta' offerenti u r-rata ta' suċċess*

(48) Il-kalkoli kollha tal-ishma tas-suq u l-indikazzjonijiet relatati mas-sehem tal-kuntratti offruti huma bbażati fuq l-informazzjoni sottomessa mill-applikant ([16]).

3.3.1.1. L-Awstrija tal-Lvant (li tkopri Vjenna, l-Awstrija t'Isfel u l-Burgenland)

(49) Mill-2021, is-servizzi mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja f'dan ir-reġjun jirrappreżentaw [100 sa 110] miljun kilometru skedat (skm) fis-sena. Minbarra l-aġġudikazzjonijiet diretti lill-operaturi interni ([madwar 20 miljun skm] għal Wiener Linien u Wiener Neustadt), is-suq rilevanti jirrappreżenta [80 sa 90] miljun skm fis-sena. L-awtoritajiet kontraenti ewlenin huma Verkehrsverbund Ostregion GmbH (VOR) ([65 sa 70] miljun skm) u Wiener Linien ([15 sa 20] miljun skm).

(50) Minn Novembru tal-2021, is-sehem mis-suq tal-applikant fl-Awstrija tal-Lvant huwa ta' [35 sa 45 %] (kien ta' [45 sa 55] % fl-2013, is-sena meta bdew is-sejħiet għall-offerti miftuħa). Il-kompetituri ewlenin tiegħu għandhom l-ishma tas-suq li ġejjin: Dr. Richard ([25 sa 30 %]), Gschwindl ([10 sa 15] %), Blaguss ([5 sa 10] %), N-Bus ([5 sa 10] %), Zuklin ([0 sa 5] %) u Retter ([0 sa 5] %).

(51) Fl-Awstrija tal-Lvant, 92 % tal-kuntratti eżistenti (f'miljuni ta' skm) ġew offruti b'offerta minn Ġunju tal-2021.

(52) Mill-2018, saru 14-il proċedura ta' akkwist fir-reġjun, b'75 offerta ppreżentati, u dawn irriżultaw f'numru medju ta' 5,4 offerent għal kull proċedura. Lil hinn mill-applikant, il-kompetitur ewlieni tiegħu, Dr Richard, ħa sehem fi 12-il sejħa għall-offerti, b'rata ta' suċċess ta' […] %. Ir-rata ta' suċċess tal-applikant hija ta' […]%. Għall-maġġoranza tal-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti, ir-rebbieħa kienu Postbus jew Dr. Richard.

3.3.1.2. L-Awstrija ta' Fuq

(53) Is-servizzi mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja f'dan ir-reġjun jirrappreżentaw [35 sa 45] miljun skm. Bl-esklużjoni tal-għotjiet diretti lill-operaturi interni ([madwar 5 miljun] skm għal Linz u Steyr), is-suq rilevanti kien jirrappreżenta [30 sa 40] miljun skm fis-sena fl-2021. L-awtorità kontraenti ewlenija hija Oberösterreichische Verkehrsverbund-Org. GmbH Nfg. & Co KG (OÖVV) ([30 sa 35] miljun skm). Is-servizzi tat-trasport urban bil-karozzi tal-linja f'Wels jiġu offruti mill-EWW ([1 sa 2] miljun skm).

([15]) It-tweġiba tal-BMK tat-2 ta' Diċembru 2020.

([16]) Il-kalkolu tal-Kummissjoni bbażat fuq l-Anness 3 tal-pożizzjoni tal-NCA.

(54) Fl-2021, is-sehem mis-suq tal-applikant fl-Awstrija ta' Fuq huwa ta' [40 sa 50] % (kien [45 sa 55] % fl-2020 u [60 sa 70] % fl-2013, is-sena meta bdew is-sejħiet għall-offerti miftuħa). Minħabba t-tfassil tas-sejħiet għall-offerti fl-Awstrija ta' Fuq, li jiffavorixxu lottijiet żgħar, intrapriżi żgħar irnexxielhom jirbħu ħamsa mill-għaxar offerti li ġew organizzati dan l-aħħar. B'kollox, il-kompetituri ewlenin ta' Postbus fl-Awstrija ta' Fuq huma Sabtours ([15 sa 20] % tas-suq), Welser ([10 sa 15] %), Stern&Hafferl ([5 sa 10] %), Dr. Richard ([5 sa 10] %) uLeitner ([5 sa 10] %).

(55) Fl-Awstrija ta' Fuq, 100 % tal-kuntratti eżistenti (f'miljuni ta' skm) ġew offruti b'sejħa għall-offerti mill-2021. Skont l-awtorità reġjonali, mill-2011 ġew organizzati 21 proċedura ta' akkwist, maqsuma f'90 lott, b'numru medju ta' 5,2 offerent għal kull lott. Minn 90 lott, Postbus rebħet […] ([…]%).

3.3.2. *Konklużjoni dwar il-valutazzjoni kompetittiva*

(56) L-applikant għandu sehem pjuttost għoli, iżda sehem dejjem jonqos ta' kuntratti ta' servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fir-reġjuni soġġetti għat-talba. Is-sehem mis-suq tiegħu naqas mill-2013 bi kważi […]% fl-Awstrija tal-Lvant u b'madwar […]% fl-Awstrija ta' Fuq.

(57) Il-proporzjon ta' offerti kompetittivi huwa għoli ħafna fiż-żewġ reġjuni, u jwassal għal proporzjonijiet rispettivi ta' kuntratti li saret offerta għalihom ta' 92 % u ta' 100 %.

(58) In-numru ta' offerenti għal kull offerta kompetittiva huwa ogħla min-numru medju ta' offerenti fl-Unjoni għall-kuntratti pubbliċi, u huwa ta' 5,4 (l-Awstrija tal-Lvant) u ta' 5,2 (l-Awstrija ta' Fuq). Filwaqt li huwa minnu li l-applikant normalment jippreżenta offerta fil-proċeduri kważi kollha ta' offerti indipendentement mill-post, xorta waħda għad hemm kompetizzjoni minn operaturi oħrajn. B'mod partikolari, Dr. Richard huwa attiv ħafna fiż-żewġ reġjuni, filwaqt li operaturi oħrajn qed jagħmlu offerti b'mod regolari fir-reġjun fejn diġà huma attivi.

(59) B'mod ġenerali, il-kuntratti għas-servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fl-Awstrija huma ta' durata twila, madwar 6 sa 10 snin, skont l-applikant ([17]). Din il-karatteristika hija inerenti għas-suq, peress li l-awtoritajiet tat-trasport reġjonali jfittxu li jevitaw sejħiet għall-offerti kumplessi li jkunu frekwenti. Filwaqt li dan jista' jkun ta' detriment għall-kompetizzjoni ([18]), huwa kontrobilanċjat mill-fatt li l-offerti mill-awtoritajiet tat-trasport reġjonali rispettivi huma fil-biċċa l-kbira lottijiet żgħar, spiss anqas minn miljun skm. Din tal-aħħar hija element importanti li jiffavorixxi d-dħul fis-suq u, eventwalment, il-kompetizzjoni fiż-żewġ reġjuni ([19]).

(60) Għall-kuntrarju, l-NCA targumenta li l-prevalenza ta' ċerti fatturi bħad-durata twila tal-kuntratt, il-volumi żgħar offruti, ftit offerenti attivi għandha t-tendenza li ma tħallix lok għal wisq kompetizzjoni sostenibbli. Għalhekk, hija tqis, għall-finijiet tal-mistoqsija msemmija, li l-piż tal-argument jindika kompetizzjoni insuffiċjenti. Madankollu, huwa importanti li jiġi nnotat li l-konklużjoni tal-NCA qieset is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni madwar l-Awstrija kollha u li l-NCA rrikonoxxiet differenzi sinifikanti ħafna bejn il-Verkehrsverbünde (l-assoċjazzjonijiet tat-trasport reġjonali). Il-fatturi msemmija fil-pożizzjoni tal-NCA huma ferm aktar rilevanti għal reġjuni Awstrijaċi oħrajn minn dawk koperti mit-talba. Pereżempju, ir-rata ta' offerti kompetittivi kienet ta' 30 % biss fl-ajruport ta' Carinthia u ta' 32 % fit-Tirol fl-2020 (kontra 92 % u 100 % fir-reġjun taħt il-kompetenza tal-VOR u fir-reġjun taħt il-kompetenza tal-OÖVV). In-numru medju ta' offerenti laħaq biss 2,3 f'Vorarlberg, meta mqabbel ma' aktar minn ħamsa fiż-żewġ reġjuni soġġetti għat-talba. Filwaqt li s-sehem mis-suq tal-applikant f'Salzburg kien ta' [70 sa 80] %, kien anqas minn 50 % fiż-żewġ reġjuni soġġetti għat-talba.

(61) Minħabba l-fatturi eżaminati hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-attività ta' servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fir-reġjuni tat-trasport taħt il-kompetenza ta' VOR u ta' OÖVV hija esposta direttament għall-kompetizzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE.

([17]) L-applikazzjoni, p. 28.

([18]) Ara l-premessa 15 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

([19]) Il-Komunikazzjoni COM 2017/572 "Nagħmlu l-Akkwist Pubbliku jaħdem fl-Ewropa u għaliha", li fiha l-Kummissjoni targumenta li l-ewwel miżura sabiex jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku hija d-diviżjoni tal-kuntratti f'lottijiet.

4. **KONKLUŻJONI**

(62) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea, is-sejbiet tal-analiżi tas-suq elenkati fil-premessi (43) sa (55) jenħtieġ li jittieħdu bħala indikazzjoni tal-fatt li s-servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fiż-żewġ reġjuni tat-trasport Awstrijaċi taħt il-kompetenza ta' VOR u ta' OÖVV huma esposti għall-kompetizzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE. Konsegwentement, jenħtieġ li jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li tapplika għal kuntratti maħsuba sabiex jippermettu l-insegwiment ta' dik l-attività fiż-żewġ reġjuni tat-trasport taħt il-kompetenza ta' VOR u ta' OÖVV.

(63) Id-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li tkompli tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsuba sabiex jippermettu l-forniment ta' servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fit-territorju tar-reġjuni l-oħra tat-trasport mhux koperti minn din id-Deċiżjoni.

(64) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u għal oqsma oħrajn tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija użati għall-valutazzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma humiex neċessarjament identiċi għal dawk użati sabiex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([20]) kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali ([21]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsuba sabiex jippermettu l-forniment ta' servizzi tat-trasport mhux kummerċjali bil-karozzi tal-linja fit-territorju tar-reġjuni taħt il-kompetenza ta' Verkehrsverbund Ost-Region u tar-reġjun taħt il-kompetenza ta' Ober Österreich Verkehrsverbund.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni

([20]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

([21]) Is-Sentenza tas-27 ta' April 2016, *Österreichische Post AG vs Il-Kummissjoni*, T-463/14, EU:T:2016:243, il-paragrafu 28. Ara wkoll id-Direttiva 2014/25/UE, il-premessa 44.